MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 18/2011

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs**

**Maria Luiza Cutajar (ID 374667M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn mitejn sebgha u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,237.55) in konessjoni ma' servizzi u prodotti pprovduti lill-konvenuta. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta Maria Luiza Cutajar li biha ammettiet it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata u fid-dawl ta’ l-ammissjoni tal-konvenuta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn mitejn sebgha u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,237.55), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------